# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar id-9 t'Ottubru 2024

**Rik. Gur. Nru.: 41/2023 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**SA**

**Vs**

**LS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SA datat 7 ta' Marzu 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom minkejja li qatt ma kienu mizzewwgin, u minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri SS, f'X, certifikat tat-twelid tal-minuri qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2. *Illi sussegwenement il-partijiet ma baqghux f'relazzjoni u l-kommunikazzjoni ta' bejniethom ma baqghetx pozittiva tant li dawn l-ahhar ftit xhur il-missier informa lir-rikorrenti li ser jibda jirrisjedi gewwa Ghawdex u temm kull kuntatt li kellu mar-rikorrenti;*

3. *Illi l-partijiet kienu rregolaw l-aspetti relativi ghall-minuri permezz ta' skrittura privata li kienet giet approvata mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena*

*elfejn u sittax (2016), kopja tal-iskrittura privata u tad-digriet imsemmi qed jigu hawn annessu mmarkati komplessivament bhala Dok B;*

4. *Illi l-missier ghamel madwar sentejn minghajr ebda kuntatt mal-minuri ghaliex skont hu kien ghaddej minn zmien difficli f'hajtu. Madanakollu, fis-sena 2022 huwa wera l-intenzjoni tieghu li jerga' jidhol f'hajjet il-minuri tant li fetah proceduri ta' medjazzjoni;*

5. *Illi bl-ghajnuna tal-medjattrici appuntata minn din l-Onorabbli Qorti, il-partijiet waslu ghall-ftehim illi l-missier jerga' jibda jezercita access gradwali u b'hekk reggha dahal f'hajjet il-minuri;*

6. *Illi madanakollu hekk kif ir-rikorrenti ttentat tirkupra sehem il-missier mill-manteniment li kellu suppost ihallas maz-zmien u sehmu mill-ispejjez tal-minuri, huwa ddecieda li jerga' jaqta' l-kuntatt kompletament minn maghha u minn ma' bintu;*

7. *Illi issa dan hu ta' detriment aghar ghall-minuri minhabba li hi konsapevoli li l-missier ser ikollu wild iehor mas-siehba kurrenti tieghu u ghalhekk il-minuri thossha li din it-tarbija haditilha postha;*

8. *Illi r-rikorrenti ghal darb'ohra trid idewwi l-ugiegh tal-minuri u tara kif ser isewwi l-hsara psikologika kkawzata mill-intimat apparti l-fatt illi hi qed igorr ir-responsabilita' tat-trobbija tal-minuri kompletament wahedha;*

9. *Illi l-intimat missier ma zammx figura stabbli fil-hajjet tal-minuri u ma hax l-benessere emottiv u psikologika tal-minuri bis-serjeta' izda jagixxi biss fuq ix-xewqat u l-interessi tieghu u ghalhekk m'ghandux jithalla jaghmel aktar hsara lill-minuri sempliciment ghax hu l-missier bijologiku taghha;*

10. *Illi issa li l-minuri qieghda tikber u tifhem iktar, din l-inkonsistenza f'hajjitha hija ta' weggha ta' qalb kemm ghar-rikorrenti li trid tispjegala kull darba ghalfejn missierha ma jmurx jaraha u kemm ghall-minuri li thoss in-nuqqas ta' missierha;*

11. *Illi minkejja l-obbligu tal-missier sabiex jivversa manteniment ta' mitejn u hamsin euro (Eur 250) fix-xahar, hekk kif stabbilit permezz tal-kuntratt ta' kura u kustodja hawn fuq imsemmi, l-konvenut ilu iktar minn sentejn ma jghaddi l-istess manteniment lir-rikorrenti, b'dan li l-ahhar manteniment li hu ghadda lir-rikorrenti kien ghax-xahar ta' Awissu 2020;*

12. *Illi l-missier qed jesprimi l-intenzjoni tieghu li ma jkunx prezenti f'hajjet il-minuri b'mod car, stante li ma jurihx interess fil-benessera tal-minuri;*

13. *Illi r-rikorrenti bir-rispett tissottometti u taghmilha cara li hi ma tixtieqx iccahhad lil bintha mir-relazzjoni ma' missierha anzi pjuttost issupplikat lill-missier sabiex juri interess f'bintu u johodha ghall-access. Hija weggha ta' qalb kbira li tara l-effett li jhalli l-missier fuq bintu darba wara l-ohra kull meta jieqaf jezercita l-access habtha u sabtha u l-minuri ma tkunx tista' tifhem ghala missierha mhux imur ghaliha;*

14. *Illi r-rikorrenti tahdem u tistinka sabiex tkun tista' tipprovdi ghall-affarijiet necessarji li jkollha bzonn il-minuri izda mhux dejjem facli u b'hekk ikollha tiddependi fuq l-ghajnuna ta' ommha, n-nanna materna tal-minuri li tghin lir-rikorrenti f'kull aspett tat-trobbija tal-minuri, kemm finanzjarjament kif ukoll billi tiehu hsieb lill-minuri u terfgha r-responsabbilita' li suppost qed jerfa' l-intimat missier flimkien mal-omm;*

15. *Illi kif taf tajjeb din l-Onorabbli Qorti konsegwenza ghall-missier hemm biss jekk ma jhallasx il-manteniment u ghalhekk ir-rikorrenti temmen li jkun fl-interess ta' bintha li jigi ffissat manteniment adegwat li jkun jinkludi fih ukoll sehem l-intimat ghall-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;*

16. *Illi bir-rispett jigi sottomess illi l-intimat ghadu zghir fl-eta u qatt ma semma' li ghandu problemi f'sahhtu li jillimitawh milli jahdem aktar ghalhekk huwa mportanti illi jerfa' ftit mill-piz tat-trobbija ta' minuri li gab fid-dinja hu wkoll u jibda jikkontribwixxi b'mod adegwat;*

17. *Illi r-raguni ta' din it-talba hija illi l-konvenut ghat-tieni darba abbanduna lil bintu minuri u b'hekk ikkawza ugigh u hsara emottiva lill-istess minuri.*

*Ghaldastant l-intimat m'ghandux jibqa' jigi rikonoxxut bhala missier ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*Ghaldastant, in vista tas-suepost, ir-rikorrenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna illi l-awtorita' tal-genitur fir-rigward tal-minuri SS li twieldet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) tigi vestita unikament fil-persuna ta' omm il-minuri u cjoe' r-rikorrenti;*
2. *Tikkonferma l-kura u l-kustodja tal-minuri SS bhala vestita eskulssivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri, u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed mir-rikorrenti wahedha minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u, jew il-kunsens tal-konvenut, u dan fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;*
3. *Tordna illi r-residenza tal-minuri tkun esklussivament mal-omm, ir-rikorrenti;*
4. *Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmi minuri SS u dan fis-somma li tigi stabbilita' minn din l-Onorabbli Qorti liema somma ghandha tizdied minn dik patwita bejn il-partijiet sabiex tkun tinkludi fiha sehem l-konvenut mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;*
5. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tapplika ghall-passaport relattiv tal-minuri minghajr il-kunsens, awtorizazzjoni jew il-firma tal-konvenut;*
6. *Tikkonferma li r-rikkorenti tipprocedi 'dawk l-applikazzjonijiet tal-minuri ghall-iskola minghajr il-kunsens, awtorizzazzjoni jew firma tal-missier;*
7. *Tordna illi kwalunkwe dritt ta' access tal-konvenut ghall-minuri jkun sospiz b'dan illi kemm-il darba l-konvenut juri r-rieda li jerga' jidhol f'hajjet il-minuri ghandu jiftah il-proceduri opportuni sabiex id-dritt tal-access jigi regolat skont il-benessere tal-minuri.*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi.*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2023,

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ntavola ebda risposta u ma deher ghall-ebda seduta u ghalhekk huwa kontumaci (Vide Fol 115);

Rat il-fakolta' mghotija lill-intimat fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2024 sabiex jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai terminu tal-Art 158 (10) tal-Kap 12 dan fi zmien ghaxart ijiem;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukat difensur tal-attrici;

**Ikkonsidrat:**

**Mix-xhieda tal-attrici, vide affidavit a fol 40 et seqq**., jirrizulta illi l-kontendenti kellhom relazzjoni intima li minnha twieldet SS nhar it-28 ta' Ottubru 2015. L-attrici xehdet illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Dicembru 2016, il-Qorti akkordat is-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri izda l-ahhar li thallas manteniment mill-intimat kien f'Mejju 2020. Minkejja id-diversi Rapporti tal-Puluzija li ghamlet l-attrici, l-intimat jibqa jevadi l-Qorti u ma jidhirx.

L-attrici xehdet illi hija kellha tinkorri ghall-ghajnuna tal-genituri taghha, kemm dik finanzjarja kif ukoll ghas-sapport taghhom sabiex hija tkun tista tibqa' f'xoghol *full-time*. Oltre €250 fix-xahar manteniment, l-intimat kellu jhallas nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni izda dawn qatt ma thallsu. Lanqas ma thallas mill-intimat iz-zieda tal-

manteniment skond l-indici tal-gholi tal-hajja kif ddegretat mill-Qorti. L-attrici ssostni li l-intimat qatt ma hallas ghall-Klabb 3-16. Xehdet li l-manteniment ghandu jghola b' €150 kull xahar ghaliex dawn huma l-mizati tal-Klabb 3-16, oltre l-ispejjes ulterjuri ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.

L-attrici xehdet illi permezz ta' skrittura privata, awtorizzata mill-Qorti, l-partijiet kienu dahlu fi ftehim dwar it-tifla u hija kellha kura u kustodja esklussiva tal-minuri. Insegwitu, l-intimat beda jiskarta l-access tat-tfila, dejjem b'xi skuza jew ohra (vide dok B). **Fis-sena 2020** l-intimat fetah medjazzjoni ghaliex ried aktar access – **izda din inghalqet fuq nuqqas ta' nteress tieghu u dana wara li ntavola rikors fejn wera x-xewqa tieghu li t-tifla ma tkunx aktar maghrufa bil-kunjom tieghu**.

F'Jannar 2021, l-intimat rega' fetah medjazzjoni, sostna illi ddispjacih li kien abbanduna lil bintu u ried jibqa bil-kuntatt. Illi permezz ta' *Family Therapist* mill-Appogg, il-kuntatt bejn l-intimat u bintu rega' beda jsehh. **Niente di meno, l-intimat rega waqqaf l-access hesrem u sar maghruf li l-intimat kien ser ikollu tarbija ohra u kien qieghed jirrisjedi Ghawdex.**

L-attrici, a fol 43 et seqq., tat rakkont tal-okkazjonijiet rari meta l-intimat ghamel kuntatt maghha. Xehdet illi fl-okkazzjoni tal-Milied u l-*birthdays* tat-tifla, l-intimat rarament kien jibghat rigal lill-bintu.

Fid-dawl ta' dana kollu, l-attrici talbet li tinghata il-kura u kustodja esklussiva ta' bintha. Il-Qorti rat u ezaminat is-sensiela ta' messaggi skambjati bejn il-kontendenti li gew debitament esebiti li jindikaw uzu ta' droga da parti tal-intimat.

**Abigail Cortis, a fol 122 et seqq.,** kkonfermat l-irwol taghha u kif ghamlet hilitha sabiex ikun hem ri-avvicinament bejn l-intimat u bintu u sabiex terga issahhah ir-relazzjoni tal-missier ma' bintu, izda minkejja l-isforzi ta' kulhadd, inkluz b'mod specjali dak tal-minuri Skyler, **l-intimat ghazel li ma jibqghax jattendi ghas-sessjonijiet**.

**CA (fol 129 et seqq),** omm l-attrici, kkonfermat li l-attrici u bintha jghixu maghha. Xehdet illi waqt ir-relazzjoni bejn il-kontendenti, **l-intimat kien refa idejh fuq l-attrici**

**u dan anke meta kienet tqila**. Kkonfermat d-diversi okkazzjonijiet fejn l-intimat kien ntrabat li jigbor lill-minuri mic-*childcare* **u jispicca ma jmurx** u jcemplu id-derigenti ta' *childcare* biex jaraw minn ser jigbor t-tifla. Ix-xhud tat elenku ta' nuqqas ta' responsabbilta', nuqqas ta' interess li l-intimat wera lil bintu, li jinkludi nuqqas li jerfa' responsabbilita' finanzjarja kif ukoll li jkollu xi forma ta' relazzjoni ma bintu u li kienet hija (CA) u bintha l-attrici li hadu hsieb lil Skyler. Azzopardi xehdet li l-intimat wasal sabiex jibblokkja lill-attrici mill-mezzi ta' kommunikazzjoni. Xehdet illi l-intimat ghandu *partner* u qed jistenna t-tieni tarbija tieghu.

**SA, a fol 154 et seqq.,** xehdet viva voce, filwaqt li kkonfermat li ghal darba ohra in segwitu ta' perjodu ta' tlieta jew erba' xhur fejn l-intimat rega' ssokkta jara lil bintu Skyler, l-intimat ghal darb'ohra waqqaf l-access hesrem. Xehdet illi qed ssib hafna diffikulta stante li d-decisjonijiet straordinarji rigward il-minuri jehtiegu il-firma tal-intimat. Illi hemm nuqqas ta' ko-operazzjoni tant li l-intimat bblokkja lill-attrici fuq il-mezzi ta komunikazzjoni. Kkonfermat li minn Settembru 2020 ma rceviet ebda manteniment da parti tal-intimat ghal SS. L-attrici xehdet dwar it-turbolazzjoni emozzjonali li bintha sofriet in segwitu ta' *rejection* ripetut da parti tal-intimat missierha, dak kollu li ghaddiet minnu bintha SS u l-ghajnuna moghtija lil SSbiex tipprocessa din it-trawma.

Illi permezz ta' digriet datat 24 ta' Jannar 2024, (vide fol 166), **il-Qorti akkordat *pendente lite*, il-kura u kustodja esklussiva ta' SS lill-attrici u dan in vista tal-fatt li l-intimat kien ilu ma jaghmel kuntatt ma bintu minn Ottubru 2022.**

**Marvic Mifsud (vide fol 168),** Assistent Registratur Qrati Kriminali, ezebiet Dok MM1 sa MM7, seba' proceduri kriminali kontra l-intimat.

**Cynthia Aquilina (a fol 170)** Kap ta' Skola Primarja Haz-Zebbug, kkonfermat li SSkienet tifla kwieta u qatt ma kien hemmx problemi dwarha u d-dirigenti u ghalliema tal-iskola m'ghandhom ebda preokkupazzjoni dwarha. Xhedet li taf lill-attrici bhala genitur u la hi u lanqas l-ghalliema l-ohra tal-iskola ma jafu lill-intimat missier.

**Dr Alexia Aquilina (vide fol 175)** esebiet Dok AA1, fedina penali tal-intimat.

**WPS Sharon Mamo (vide fol 175)** esebiet hdax-il (11) Rapport tal-Pulizija.

**Permezz ta' nota a fol 224, l-attrici ezebiet Dok SA1-9, disgha Rapporti tal-Pulizija fuq nuqqas ta' hlas ta' manteniment.**

**Saviour Zammit ezebixxa Dok SZ1, vide fol 226** u kkonferma li l-intimat ghandu *gross pay* ta' sbatax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Ewro u sittin centezmu (€17,253.60) *per annum* u dan fis-sena 2023.

Rat ir-rikors ta' LS datat 10 ta' Settembru 2020 li bih talab lill-Qorti li jigi mnehhi kunjom l-attur minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' SS– vide fol 253.

Rat illi a fol 287 sa 435, gew esebiti Bank Accounts tal-intimat fejn jidher li l-intimat ghandu akkonti bankarji mal-HSBC u mal-BOV.

Rat illi l-intimat kien kontumaci, ma deher ghal ebda seduta, ma xehedx u ma ntavola ebda sottomissjonijiet, minkejja l-fakolta' moghtija lilu mill-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

***Fir-rigward il-kura u l-kustodja u l-access tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'kull kaz li si tratta tat-tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox il-kuncett ta' ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond***

[1] Enfazi tal-Qorti.

> ***taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

---

[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-**Qorti tal-Appell** (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-**Qorti tal-Appell** fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

---

[7] Enfazi tal-Qorti.

***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Fir-rigward il-manteniment ghall-ulied**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-***

[8] Enfazi tal-Qorti.

***salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-Istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ **Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John** (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Mill-atti jirrizulta illi l-intimat huwa kontumaci. Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:**

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghallgudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement millkontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996** inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix***

> ***rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.**

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti wara illi semghet ix-xhieda dettaljata tal-attrici u ommha CA u wara illi hadet in konsiderazzjoni ix-xhieda ta' Abigail Cortis li ghamlet hilitha sabiex ikun hemm ri-avvicinament bejn l-intimat u bintu wara snin ta' relazzjoni bis-singjozzi fejn il-missier jaghmel perjodi twal li ma jkollu ebda kuntatt jew forma ta' access ma bintu, imbaghd meta jfettillu jerga' jipprova jidhol f'hajjet bintu SS. Dan kollu kellu effett trawmatiku ghall-ahhar ghall-bintu li wara l-ahhar tentattiv tal-intimat ghar-ri-avvicinament, l-intimat ghal darb'ohra wara li ghamel bejn tlieta u erba' xhur jara lill-bintu minkejja id-diffikultajiet kollha li esperjenzat din il-minuri biex tipprova terga' taccetta lill-missierha wara li dan kien abbundunaha ghal tant zmien, l-intimat rega' hesrem waqqaf kull forma ta' access anzi mblokka lill-attrici minn fuq kull mezz ta' kommunikazzjoni u dana ilghaliex il-partner tieghu kienet saret in cinta u qed tistenna tarbija. Ir-rizultat ta' dan kollu kien trawmatiku immens ghall-minuri SS li hasset ruhha "displaced" bit-twelid mistenni tat-tieni tarbija tal-intimat. Apparti dana kollu jirrizulta li l-intimat ilu ma jhallas il-manteniment ta' mitejn u hamsin Ewro (250 Ewro) fix-xahar lill-attrici ghal SS minn Settembru 2020. L-attrici SA ikkonfermat wkoll bil-gurament id-diffikutlajiet kbar li qed tirriskontra ilghaliex kull formola u dokument mitlub mill-iskejjel ta' SS u ghall-skopijiet mitluba mill-iskelljel u ghall-iskopijiet medici jirrikjedu il-firma tal-missier li minhabba li l-intimat ghazel li jimblokka lill-attrici mill-mezzi tal-kommunikazzjoni jibqghu ma jinghatawx mill-intimat. Ghaldaqstant talbet li din il-Qorti takkorda l-kura u kustodja ta' SS esklussivament f'idejha. Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, u fl-isfond tal-passat u antecedenti tal-intimat li jindikaw li l-intimat kien dipendenti fuq id-drogi ghal snin twal (Fedina Penali Vide Dok AA 1 Fol 205 u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kontra l-intimat tas-7 ta' Marzu 2016) , il-Qorti ma tarax li fl-ahjar interess tal-minuri SS, din il-Qorti ghandha

taghmel anqas milli tilqa' t-tieni talba tal-attrici u tikkonferma id-digriet taghha *pendente lite* mghoti 24 ta' Jannar 2024.

Din il-Qorti b'referenza ghall-kontumacja tal-intimat tqis li ma hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal *ex-officio*.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. ***Tichad l-ewwel talba tal-attrici stante dak provdut fit-tieni decide;***

2. ***Tilqa' t-tieni talba u tordna l-kura u l-kustodja tal-minuri SS tigi vestita esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi kwalsiasi decizjoni sia dik ordinarja jew dik straordinarja rigwardanti is-sahha, l-edukazzjoni, ir-religjon, it-trobbija, is-safar tal-minuri, l-applikazzjonijiet skolastici u l-applikazzjoni ghall-hrug u tigdid tal-passaport jew tal-Identity Card tal-minuri u b'mod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-minuri, ghandha tittiehed <u>mir-rikorrenti</u> <u>wahedha</u> minghajr il-bzonn tal-awtorizzazzjoni u, jew il-kunsens jew prezenza tal-intimat, u dan fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;***

3. ***Tordna illi r-residenza primarja tal-minuri tkun dik mal-omm, ir-rikorrenti;***

4. ***Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (250 Ewro) fix-xahar bhala dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigijiet tal-imsemmi minuri SS. Il-Qorti tordna di piu' illi s-sehem tal-intimat ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita extra-kurrikulari ta' SS tigi predikwitata fis-somma ta' hamsin Ewro (50 Ewro) ulterjuri fix-xahar b'dan li ir-retta alimentari kumplessiva ghandha tkun ta' tlett mitt Ewro (300 Ewro) fix-xahar; din ir-retta alimentari ghandha tizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;***

5. ***Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba in vista tad-decide numru 2 fuq indikat;***

6. ***Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba in vista tad-decide numru 2;***

7. ***Fl-ahjar interess tal-minuri, il-Qorti tordna s-sospensjoni indefinit tad-dritt tal-access tal-missier lil bintu SS b'dana li kemm-il darba SS tiddeciedi li trid terga' tikkomunika ma' jew ikollha access ma missierha, din ghandha tkun id-decizjoni libera taghha;***

**L-ispejjes ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**